MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 652/2003

***Nazzareno sive Reno Zarb***

***vs***

***Keith u Lucienne konjugi Mallia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur s-somma ta' elf erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1499.59) rappresentanti hlas dovut mill-konvenuti lill-attur ghal sittax-il kambjala versu l-ammont ta' Lm88.27 kull wahda li jammontaw ghas-somma ta' Lm1412.32 u kambjala ohra versu l-ammont ta' Lm87.27, b'dan illi l-ewwel wahda mmaturat fis-7 ta' Mejju 2001 u l-ahhar wahda mmaturat fis-7 ta' Settembru 2002. Dawn il-kambjali saru favur l-attur ghall-bejgh tal-vettura tat-tip Fiat Panda bin-numru ta' registrazzjoni JAS 398 li l-konvenuti xtraw minghandu.

Bl-ispejjez, inkluzi l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Chris Cardona ghan-nom ta’ l-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-kambjali esibiti.

Ikkunsidra:

Illi minn ezami tad-dokumenti esibiti jirrizulta illi l-kambjali mahruga mill-attur favur l-konvenuti huma neqsin mill-firma tieghu u cioe’ mill-firma tat-traent, nuqqas illi jgib in-nullita’ taghhom skond il-ligi. Madanakollu mill-korp ta’ l-avviz ma jidhirx illi l-istess kambjali gew girati u jidher illi l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ l-ammont indikat in konnessjoni ma’ bejgh ta’ vettura tat-tip Fiat Panda bin-numru ta’ registrazzjoni JAS 398 li l-konvenuti xtraw minn ghand l-attur.

Illi jirrizulta illi l-konvenuti naqqsu milli jhallsu l-prezz ta’ dan in-negozju tal-bejgh tal-vettura lilhom maghmula mill-attur u ghalhekk it-talba attrici f’dan ir-rigward tidher li hija wahda gustifikata.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta’ elf erba’ mija u disgha u disghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1499.59), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------